MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Numru. 479/2003

Il-Pulizija
(Spettur Carlo Ellul)
vs
Antoine sive David Monsigneur

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Antione sive David Monsigneur, detentur tal-karta tal-identita Nru 49071(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat :
(1) talli fit-28 ta' April, 2003 gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun ghall-habta ta' 10.45p.m. ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS86, PC574, PC287 u PC426, persuni inkarigati skond il-Ligi minn Servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti, dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attaka jew ghamel rezistenza jew hebb, ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra PS86, PC574, PC287, u PC425, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li dawn il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li dawn il-persuni kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita kompetenti, dan bi ksur tal-Artiklu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Talli fl-istess data, lok u hin hebb kontra persuni sabiex jingurjahom, iddejjaqhom, jew jaghmilhom hsara lilhom jew lil haddiehor kemm il-darba il-fatt ma ikunx jaqa taht xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali, dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Talli ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija f'dan il-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni, dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Talli fl-istess lok u hin kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Talli fl-istess data, lok u hin m'obdiex ordnijiet moghtija lilu mill-pulizija, dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(7) Talli fl-istess data, lok u hin qal kliem oxxen fil-pubbliku, dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(8) Talli fl-istess data, lok u hin kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, dan bi ksur tal-Artiklu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(9) Akkuzat oltre talli irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana waqt is-seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2003 meta kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti qeghda issibu hati ta' l-istess imputazzjonijiet kollha u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 95, 96, 339 (1) (d), 339 (1) (e), 338 (dd), 338 (ee), 338 (bb), 342, 338 (n), 49 u 50 tal-Kap. 9;

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni u b'hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni, kif ukoll il-fatt illi l-imputat iddikjara illi kien jiddispjacih ta' dak illi ghamel u obbliga ruhu illi bl-ebda mod ma kien ser jimmolesta jew ikellem iktar lil PS86, PC574, PC287 u PC426. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ghall-fini ta' piena il-fatt illi f'dan l-incident ma wegga hadd, kif ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputat ikkopera mieghu matul l-investigazzjoni u ta l-verzjoni tieghu ta' kif graw l-affarijiet fl-istqarrija illi irrilaxxja.

Illi ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti tara illi ikun aktar ta' beneficcju ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant wara illi l-Qorti rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 qeghda taghmel ordni ta' probation illi permezz tieghu qeghda tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation illi ghandu jigi mahtur mid-Direttur responsabbli ghas-servizzi tal-probation.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' tlett snin, kif ukoll jekk huwa jonqos illi jobdi xi ordni jew xi direttiva illi jaghtih, jew taghtih l-Ufficjal tal-Probation illi ser ikun responsabbli ghas-sorverjanza tieghu.

Il-Qorti tiddikjara illi qeghda minnufih taghti kopja ta' din l-ordni tal-probation lid-Direttur responsabbli ghas-servizzi tal-probation, kif ukoll lill-imputat.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' mitt lira ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum milli b'xi mod jimmolesta jew ikellem lil PS86, PC574, PC287 u PC426.

Il-Qorti qeghda wkoll tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal, ghal multa ta' mitejn lira (LM200).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------